# ID-DAWL

ĠUNJU 2022 | WWW.AHMADIYYA.MT | NUMRU 54

**“Alla ma jżommkomx milli turu tjieba u ġustizzja lejn dawk li ma ġġildux kontrikom minħabba r-reliġjon.”**



L-Impatt tal-Kliem | Ħbiberija mal-Insara | Il-Mogħdrija | X’inhu l-Iżlam?

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# L-IMPATT TAL-KLIEM

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Nixtieq naqsam magħkom storja ta' re li kellu żiemel sabiħ. Jum wieħed iż-żiemel marad u ma kellu l-ebda tama ta' fejqan; b'hekk ir-re mtela bi dwejjaq kbar u beda jsaqsi l-ħin kollu dwar il-kundizzjoni taż-żiemel. Bagħat ministru importanti ħafna fir-renju biex jiċċekkjalu fuq iż-żiemel; dan ġie lura u informa lir-re li ż-żiemel miet. Ir-re, li ma riedx jisma' aħbar bħal din, għadab bl-ikrah u kkastiga bl-aħrax lill-ministru barra li neħħielu l-grad tiegħu.

Wara huwa bagħat ministru ieħor li kien għaqli ħafna u wkoll ġentili. Meta rritorna, dan informa lir-re li ma kien hemm l-ebda sinjali ta' wġigħ u li ż-żiemel kien fi stat ta' paċi u konfort assolut. Wara eżaminazzjoni bir-reqqa taż-żiemel, huwa stqarr li ma sema' l-ebda tħarħir ġej minn sider iż-żiemel.

Ir-re fehem li ż-żiemel kien miet iżda baqa' kalm u trankwill minħabba l-għażla għaqlija u f'waqtha tal-kliem tal-ministru li pprovda wens, konsolazzjoni u faraġ lir-re li bħala konsegwenza ppremja lill-ministru tiegħu għall-mod għaqli u ġentili ta' kif iffaċċja din is-sitwazzjoni.

## ID-DAWL

Ġunju 2022 – Numru 54 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

The Impact of Words 2
Friendship with Christians 4
Kindness and compassion 6
What is Islam? 7

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** VooDoo13 | Shutterstock.com
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira




Din l-istorja turi kemm l-użu tal-kliem jagħmel differenza u l-impatt kbir li jista' jħalli. Kliem mhux f'waqtu jew magħżul b'nuqqas ta' sensittività, anki jekk ikun veru, jista' jħalli effett negattiv fuq persuna kemm fiżikament kif ukoll emozzjonalment, u xi kultant in-nies li jirċevuh isofru ħafna u xi wħud saħansitra jispiċċaw iweġġgħu lilhom infushom.

Għall-kuntrarju, kliem magħżul b'għaqal biex jiddeskrivi l-istess sitwazzjoni jinżel pożittivament ma' oħrajn u jqawwilhom il-moral u l-benesseri tagħhom.

Għaldaqstant, irridu niżnu kliemna sewwa u dejjem nużaw l-aktar kliem addattat u xieraq meta nitkellmu jew niktbu xi ħaġa, għaliex kliemna jħalli impatt qawwi, u għalhekk irridu naħsbu qabel ma nitkellmu jew niktbu.

# ĦBIBERIJA MAL-INSARA

## Il-Musulmani jistgħu jkunu ħbieb mal-Lhud u l-Insara?

Il-Koran Imqaddes huwa kelma sagra ta' Alla li ġiet rivelata lill-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih. Il-Koran Imqaddes huwa ktieb sħiħ ta' gwida u għerf profond. Madankollu, biex nifhmu sew dan it-tagħlim, il-gwida sħiħa u l-messaġġ veru, huwa importanti ħafna li nżommu quddiem għajnejna l-kuntest u t-tagħlim kollu, u ma neħdux xi versi barra mill-kuntest. Għalhekk meta nitkellmu dwar il-versi tal-Koran li jitkellmu dwar il-Lhud u l-Insara, jew dwar in-nies ta' twemmin ieħor, huwa importanti li nżommu l-kuntest u versi oħra relatati mas-suġġett quddiemna. Inkella, it-tagħlim tiegħu se jinftiehem ħażin u jista' jwassal għal xi kunċetti żbaljati. Sfortunatament hekk ġara fejn in-nies ma ħadux il-kuntest quddiem għajnejhom u fehmu ħażin it-tagħlim Koraniku. Wieħed minn dawn l-eżempji huwa l-vers li ġej.

> **Intom li temmnu, la teħdux il-Lhud u l-Insara bħala ħbieb. Huma ħbieb u alleati ta' xulxin. U min fostkom jeħodhom bħala ħbieb huwa tassew isir wieħed minnhom. Alla tabilħaqq ma jurix it-triq it-tajba lin-nies il-ħżiena.** (Il-Koran, 5:52)

Dan il-vers tal-Koran Imqaddes spiss jiġi kkwotat biex juri li l-Iżlam huwa reliġjon intolleranti u jikkmanda lis-segwaċi tiegħu biex ma jagħmlux ħbieb ma' Lhud, Insara u nies ta' twemmin ieħor.

Imma fir-realtà dan mhux il-każ. Il-vers 58 jiċċara r-raġunijiet biex jiġu skuraġġiti ħbiberiji mal-Lhud u l-Insara minħabba l-fatt li kienu fil-kunflitti mal-Musulmani u anke kienu jiċħdu lill-Musulmani talli jżommu mal-fidi tagħhom. Il-Koran Imqaddes jgħid:


Aisylu Ahmadieva | Shutterstock

**Intom li temmnu, la teħdux lil dawk li jieħdu l-fidi tagħkom biċ-ċajt u l-logħob, minn fost il-Lhud u l-Insara, u dawk li ma jemmnux, bi ħbieb u alleati; u dejjem ibżgħu minn Alla, jekk tassew temmnu.** (5:58)

Jiġifieri, meta l-Musulmani huma fil-gwerra jew għandhom kunflitti mal-Lhud, mal-Insara jew mas-segwaċi ta' twemminiet oħra, għandhom dejjem jibqgħu man-nies tagħhom, u m'għandhomx jagħmlu ħbiberija ma' dawk li qed jiġġieldu kontrihom.

Prekawzjonijiet bħal dawn dejjem jittieħdu għas-sigurtà u l-benesseri tan-nies kull meta jkun hemm xi gwerra jew kunflitt, u d-dinja moderna tal-lum mhijiex eċċezzjoni. Dan huwa dak li hu pprojbit.

# IL-ĠENEROŻITÀ U L-MOGĦDRIJA


Gabdrakipova Dilyara | Shutterstock

Iżda li tittratta lil xi ħadd bil-qalb, b'kompassjoni u simpatija, mhux biss huwa permess iżda huwa imperattiv għall-Musulmani. Il-Koran Imqaddes ikompli jispjega din il-kwistjoni u jgħid:

> **Alla ma jżommkomx milli turu tjieba u ġustizzja lejn dawk li ma ġġildux kontrikom minħabba r-reliġjon u lanqas keċċewkom minn djarkom. Alla tabilħaqq iħobb lill-ġusti. Alla jżommkom biss milli tissieħbu ma' dawk li ġġieldu kontrikom minħabba l-fidi, u huma keċċewkom minn djarkom, u għenu lill-għedewwa fit-tkeċċija tagħkom. Allura, min jissieħeb magħhom, dawk ikunu l-ħżiena.** (60:9-10)

Din hija s-sbuħija tal-kelma ta' Alla li tispjega kollox b'mod tal-għaġeb, tipprovdi raġunijiet u loġika ma' kull kmandament. Il-Koran Imqaddes iżomm lura lill-Musulmani jekk huma fil-gwerra mal-Lhud, l-Insara jew kwalunkwe reliġjon oħra, u għal dak iż-żmien ta' gwerra biss, mhux iktar. Barra minn hekk, huwa d-dmir tal-Musulmani li jsiru ħbieb u juru mogħdrija, simpatija u qalb tajba lejn il-bnedmin kollha ta' rieda tajba u dawk li jżommu mal-paċi, mingħajr ebda eċċezzjoni jew diskriminazzjoni.

# TAF? L-IŻLAM...



Yuganov Konstantin | Shutterstock

- Huwa l-aħħar reliġjon mingħand Alla għall-bnedmin kollha.
- **Huwa reliġjon komprensiva, ibbilanċjata, perfetta, kompleta u universali.**
- Sawwar stil ta' għajxien u ta direzzjoni f'kull qasam tal-ħajja umana.
- **Huwa reliġjon naturali, faċli u sempliċi u jindirizza l-bżonnijiet umani kollha.**
- Jippromwovi l-ugwaljanza fost il-bnedmin kollha.
- **Jenfasizza r-rispett lejn il-fundaturi tar-reliġjonijiet kollha.**
- Isostni li l-qlub isibu s-sodisfazzjon, is-sliem u s-serħan fit-tifkira ta' Alla.
- **Huwa reliġjon paċifika, huwa mnissel mill-kelma Għarbija 'salema' li tfisser paċi u ubbidjenza.**

- Huwa reliġjon tan-natura u li tissapportja l-libertà tal-kuxjenza u l-fidi, u jemmen li ma għandux ikun hemm sfurzar fir-reliġjon.
- **Juri r-rispett lejn ir-reliġjonijiet kollha bħall-Kristjaneżmu, il-Ġudaiżmu, il-Buddiżmu u l-Ħinduiżmu.**
- Jippromwovi d-djalogu bejn is-segwaċi tat-twemminiet differenti fid-dinja.
- **Jgħallem li l-postijiet tal-qima tar-reliġjonijiet kollha għandhom jiġu rispettati.**
- Jikkundanna kull qtil u vjolenza u jgħid li "min joqtol bniedem... ikun bħallikieku qatel il-bnedmin kollha".
- **Jgħożż il-ħajja tal-bnedmin u jgħid li "min isalva l-ħajja (ta' xi ħadd), ikun bħallikieku salva lill-bnedmin kollha".**
- Jgħallem ir-rispett lejn in-nisa, it-tfal u x-xjuħ, u jissalvagwardja d-drittijiet tas-sezzjonijiet kollha tas-soċjetà.
- **Jispjega t-tagħlim kollu tiegħu fil-Koran Imqaddes li huwa l-Ktieb Sagru għall-Musulmani kollha, li ġie rivelat minn Alla fuq il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih.**
- Jemmen li l-Koran Imqaddes hu senduq mimli teżori għall-benefiċċju tal-umanità kollha.
- **Jgħallem l-imħabba u l-ubbidjenza lejn Alla, u l-imħabba lejn il-proxxmu, u biex inġibu ruħna b'qalb ħanina ma' ħutna u sħabna.**
- Jgħallem ir-rispett u l-imħabba, għalhekk il-Komunità Ahmadiyya Musulmana għażlet motto li, 'Imħabba għal Kulħadd – Mibegħda għal Ħadd'.

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**